**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Glenys Chircop

vs

Yanica Rapinett - Keune Malta

CCT 150/17/MS

13 ta' Frar 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-4 ta' Settembru 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €350.00, kwantu ghal €150.00 prezz ta' *make-up course* u kwantu ghal €200.00 parti minn prezz ta' *make-up kit*, mixtrija minghand l-intimata, liema kors ma kienx a sodisfazzjoni tar-rikorrenti u liema *make-up kit* qatt ma gie konsenjat lir-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti u spjegat illi r-rikorrenti attendiet ghal iktar minn nofs il-kors u kien biss wara s-sitt sessjoni illi ddecidiet illi tieqaf minhabba li ma kenitx qed tlahhaq. Barra minn hekk l-intimata tghid illi l-*make up kit* kien inxtara ghar-rikorrenti u mhallas minn butha u r-rikorrenti rrifjutat illi thallas il-bilanc dovut.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi f'Marzu 2017 ir-rikorrenti kienet thajret ghal kors ta' *Professional Make Up* ghal prezz ta' €150.00 u hallset depozitu ta' €15.00. Skond dokument esebit mir-rikorrenti (dok C) dan il-kors kien ghal perjodu ta' xahar jew xahrejn - u cjoe' : tmien sessjonijiet ta' siegha kull wiehed jew erbgha sessjoniet ghal saghtejn kull wiehed. Il-kors kien jinkludi zewg *units* fejn kien hemm teorija kif ukoll prattika u reklamat li kellu jkun *"one to one."* Skond l-istess dokument il-kors kien jinkludi wkoll 'consumatives' (sic).

Illi r-rikorrenti tghid illi meta marret il-hanut tal-intimata biex thallas il-kumplament (€135.00) tkellmet mal-intimata u qablu fuq hinijiet u attendenza. Qalet ukoll illi dakinhar l-intimata qaltilha biex iggib il-prodotti tal-*make-up* maghha u biex iggib ukoll mudella maghha. Dan kien jikkontrasta dak li kien imnizzel fuq is-sit (Dok C) fejn suppost il-*"consumatives"* kellhom jigu provduti u kienu inkluzi fil-prezz. Ir-rikorrenti tghid illi marret ghall-ewwel lezzjoni u hadet

maghha l-make-up, pero' skond hi l-intimata lanqas biss tat kasha jew harset lejn il-*make-up bag* taghha. Wara, l-intimata infurmatha bil-bzonn li tixtri *make-up kit* u ddecidiet tixtri kit li kien jiswa €375.00. Hallset €200.00 bl-ghazla li thallas il-kumplament bil-mod. Ir-rikorrenti tilmenta illi dak offrut mill-intimata huwa ferm differenti minn dak reklamat. Ma kien hemm l-ebda ghajnuna jew *"one to one'* min-naha tal-intimata li, adirittura kienet ukoll arroganti. Marret tkellem lill-intimata u qaltilha illi kienet qed tahseb biex tieqaf mill-kors izda tiehu prodotti b'kemm jiswew mitejn Euro u cjoe' dak li kienet hallset diga'. Pero' meta marret biex tigborhom l-intimata qaltilha illi kellha thallas il-kumplament. Ir-relazzjonijiet marru ghall-aghar u r-rikorrenti talbet flusha lura. L-intimata rrifjutat.

Xehdet ukoll il-mama tar-rikorrenti illi qalet illi t-tifla taghha kellha tmur l-isptar fid-data meta kellha tibda l-kors u kienet cemplet lill-intimata biex tinfurmaha. L-intimata qaltilha li setghet tibda gimghatejn wara u li ma kien hemm ebda problema. Qalet ukoll illi darba kienet akkumpanjat lil bintha u qaghdet bhala mudella u ma hassithiex komda - kemm ghaliex ma kienx hemm fejn tpoggi bil-qieghda u kemm ghar-ragunijiet ta' igene. Ikkonfermat illi bintha ma kenitx kuntenta bil-kors ghaliex ma kienx qed issir dak kif kien reklamat. Qalet illi l-intimata ma reditx ittiha l-prodotti li kienet hallset ghalihom qabel ma thallas l-ammont kollu.

Illi min-naha l-ohra l-intimata, filwaqt illi tikkonferma illi r-rikorrenti kienet applikat ghal kors, tghid illi huwa kors professjonali u li hija ghandha l-kwalifiki biex tghallem u li l-iskola huwa mghammar apposta. Tghid ukoll illi r-rikorrenti falliet kemm il-darba u bhala gest ta' rieda tajba kienet accetat illi ttiha tliet lezjonijiet zejda biex tkopri dawk li kienet tilfet. Ipprezentat ukoll il-*kit* illi tghid illi r-rikorrenti qatt ma gabret.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti, wara li rat avviz *online*, applikat biex tattendi kors ta' *make-up* ghand l-intimata. Dan il-kors kien ta' xahrejn durata ghal prezz ta' mija u hamsin Euro. Barra minn hekk l-intimata hajret lir-rikorrenti illi tixtri *make-up kit* fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u sebghin Euro. It-Tribunal jinnota illi dana huwa b'kontrast ghal dak illi gie reklamat fejn suppost kellu jinkludi il-materjali uzat ghal kors (consumables).

Illi l-intimata qieghda tghid illi r-rikorrenti ma kenitx regolari fl-attendenza taghha u biddlet kemm - il darba l-iskeda tal-hin biex takkomoda lir-rikorrenti u anke tatha xi sessjonijiet zejda. Rigward il-materjal l-intimata tghid illi kienet lesta illi ttiha *l-kit* izda r-rikorrenti qatt ma giet ghaliha. Hawnhekk it-Tribunal huwa hafnda iktar propens illi jemmen il-versjoni tar-rikorrenti li qalet illi kienet lesta illi taqta' l-kwistjoni billi tieqaf mill-kors u tiehu prodotti fl-ammont ta' mitejn Euro pero' dan ma giex accetat mill-intimata li riedet r-rikorrenti thallas il-bilanc dovut qabel ma tikkonsenja l-kit.

It-Tribunal ghandu fl-atti dan is-suppost '*kit*' illi kellu jigi konsenjat lir-rikorrenti. Ma jistax ighid jekk dan huwiex il-*kit* kollu li jiswa tlett mija hamsa u sebghin Euro, pero' dak li huwa esebit zgur

ma jiswiex dan l-ammont u fi kwalunkwe kaz l-intimata zammet dan il-kit u qatt ma gie konsenjat lir-rikorrenti.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li miz-zewg versjonijiet prezentati dak tar-rikorrenti u ta' ommha huwa aktar verosimili u jinkwadra fic-cirkostanzi tar-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet. Pero' tajjeb jew hazin, ir-rikorrenti attendiet ghal xi lezzjonijiet u ta' dawn l-intimata timmerita li tkun kompensata.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimata li tirrifondilha is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00) bi dritt tal-intimata illi tiehu lura il-*kit* esebit f'dawn l-atti. Bl-ispejjes kontra l-intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbirtru